Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 9 ta' Ottubru 2023**
**(OR. en)**

**13937/23**

**SOC 668**
**SAN 573**

**EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Delegazzjonijiet |
| Nru. dok. preċ.: | 13171/23 |
| Suġġett: | Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-saħħa mentali u x-xogħol prekarju |

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuża l-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-suġġett imsemmi hawn fuq approvati mill-Kunsill EPSCO fil-laqgħa tiegħu li saret fid-9 ta' Ottubru 2023.

ANNESS

**Is-saħħa mentali u x-xogħol prekarju**

**Konklużjonijiet tal-Kunsill**

**FILWAQT LI JIRRIKONOXXI LI:**

1. It-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jafferma l-objettiv essenzjali ta' titjib kostanti tal-kundizzjonijiet tal-ħajja u tax-xogħol.

2. L-Artikoli 3 u 31 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea jistipulaw, rispettivament, id-dritt għall-integrità fiżika u mentali tal-bniedem, u d-dritt għal kundizzjonijiet tax-xogħol li jirrispettaw is-saħħa, is-sigurtà u d-dinjità tal-ħaddiema. Il-Prinċipju 5 tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali jiddikjara li għandhom jiġu evitati relazzjonijiet tax-xogħol li jwasslu għal kundizzjonijiet tax-xogħol prekarji. Il-Prinċipju 6 jistabbilixxi li l-ħaddiema għandhom id-dritt għal pagi ġusti li jipprovdu standard ta' għajxien deċenti u l-Prinċipju 10 jirrikonoxxi li l-ħaddiema għandhom id-dritt għal livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa u s-sigurtà tagħhom fuq il-post tax-xogħol.

3. L-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri huma impenjati lejn l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) tal-Aġenda 2030 tan-Nazzjonijiet Uniti, inkluż l-SDG 8 dwar Xogħol Deċenti u Tkabbir Ekonomiku, li jistabbilixxi bħala waħda mill-miri tiegħu li jiġu protetti d-drittijiet tal-ħaddiema u jiġi promoss ambjenti okkupazzjonali siguri u sikuri għall-ħaddiema kollha, inkluż il-ħaddiema migranti, b'mod partikolari l-migranti nisa, u dawk f'impjieg prekarju.

4. L-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha jikkondividu l-valuri, il-prinċipji u l-għanijiet tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO) biex isawru futur okkupazzjonali ġust, inklużiv u sigur b'impjieg sħiħ, produttiv u magħżul liberament u xogħol deċenti għal kulħadd. L-UE tippromwovi l-prinċipji tal-konvenzjonijiet u d-dikjarazzjonijiet tagħha, bħall-Konvenzjoni dwar is-Sikurezza u s-Saħħa Okkupazzjonali, 1981 (Nru 155) u l-Konvenzjoni dwar il-Qafas Promozzjonali għas-Sikurezza u s-Saħħa fuq ix-Xogħol, 2006 (Nru 187) li jistabbilixxu l-prinċipju fundamentali u d-dritt għal ambjent tax-xogħol sikur u san, kif ukoll id-Dikjarazzjoni taċ-Ċentenarju għall-Futur tax-Xogħol.

5. Id-Direttiva tal-Kunsill 89/391/KEE, magħrufa bħala d-"Direttiva Qafas dwar is-sigurtà u s-saħħa okkupazzjonali", tipprevedi li l-impjegatur għandu jiżgura s-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema f'kull aspett relatat max-xogħol, li jinkludi b'mod impliċitu r-riskji psikosoċjali. L-Unjoni Ewropea adottat ukoll diversi strumenti legali li għandhom l-għan li jipproteġu lill-ħaddiema minn riskji speċifiċi għas-saħħa u s-sigurtà.

6. Il-Qafas Strateġiku tal-UE dwar is-Saħħa u s-Sikurezza fuq il-post tax-xogħol 2021-2027 jappella għal enfasi fuq ir-riskji psikosoċjali fuq il-post tax-xogħol u fuq is-saħħa mentali.

7. Is-Summit ta' Analiżi tas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-post tax-Xogħol, li sar fi Stokkolma fil-15 u s-16 ta' Mejju 2023, ikkonkluda li r-riskji psikosoċjali u s-saħħa mentali fuq il-post tax-xogħol jeħtieġu aktar konsiderazzjoni.

8. Il-Kummissjoni adottat il-"Komunikazzjoni dwar approċċ komprensiv lejn is-saħħa mentali" fis-7 ta' Ġunju 2023 wara li tħabbret fid-diskors tal-President dwar l-Istat tal-Unjoni fl-14 ta' Settembru 2022. Il-Komunikazzjoni fiha kapitolu ddedikat għar-riskji psikosoċjali fuq il-post tax-xogħol li jħabbar diversi inizjattivi importanti biex jiġu indirizzati r-riskji psikosoċjali fuq il-post tax-xogħol[1].

9. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta opinjoni dwar "Xogħol prekarju u saħħa mentali" fis-27 ta' April 2023 li fiha jipproponi sensiela ta' miżuri dwar il-prevenzjoni tar-riskji psikosoċjali fil-livell tal-UE inkluż l-adozzjoni ta' leġiżlazzjoni speċifika.

FILWAQT LI JQIS LI:

10. Is-saħħa mentali hija stat ta' benesseri li fih persuna twettaq il-kapaċitajiet proprji tagħha, tista' tlaħħaq mat-tensjonijiet normali tal-ħajja, tista' taħdem b'mod produttiv u li jħalli l-frott, u tista' tagħti kontribut lill-komunità tagħha. Il-kundizzjonijiet tax-xogħol ta' kwalità għandhom impatt pożittiv fuq is-saħħa mentali tal-ħaddiema.

---

[1] F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni ħabbret inizjattiva ewlenija li tikkonsisti f'"rieżami bejn il-pari dwar l-approċċi leġiżlattivi u ta' infurzar biex tindirizza r-riskji psikosoċjali fuq il-post tax-xogħol fl-Istati Membri bil-għan, u soġġett għar-riżultati tiegħu u l-input tas-sħab soċjali, biex tippreżenta inizjattiva fil-livell tal-UE dwar ir-riskji psikosoċjali fuq perjodu ta' żmien medju."

11. Is-saħħa mentali hija komponent vitali tal-benessri tan-nies, u s-saħħa mentali ħażina ġġorr magħha wkoll kostijiet u impatti ekonomiċi fuq is-suq tax-xogħol. Ir-rapport Health at a Glance Europe 2018 enfasizza li l-problemi tas-saħħa mentali jaffettwaw madwar 84 miljun persuna madwar l-UE, u l-kostijiet totali tal-problemi tas-saħħa mentali huma stmati 'l fuq minn 4 % tal-PDG (EUR 600 biljun) fil-pajjiżi tal-UE.

12. Is-saħħa mentali hija marbuta b'bosta modi ma' sensiela ta' varjabbli, parametri, dimensjonijiet u kundizzjonijiet tal-ħajja differenti, inkluż ix-xogħol. Is-saħħa mentali u x-xogħol huma interkonnessi mill-qrib: ir-riskji psikosoċjali fuq il-post tax-xogħol li jimmanifestaw ruħhom eż. fi tbatija, jista' jkollhom impatt negattiv fuq is-saħħa mentali u, b'mod invers, is-saħħa mentali hija fattur importanti għall-kapaċità għax-xogħol, il-kompetittività u l-produttività. Il-qgħad jista' jkun ukoll ta' riskju għas-saħħa mentali. Tista' tittieħed azzjoni mill-partijiet ikkonċernati differenti fir-rwoli rispettivi tagħhom biex itejbu s-saħħa mentali fuq il-post tax-xogħol.

13. Il-Flash Ewrobarometru 'OSH Pulse: Is-sikurezza u s-saħħa okkupazzjonali fil-postijiet tax-xogħol wara l-pandemija' juri li b'riżultat tal-pandemija tal-COVID-19, l-esponiment għal ċerti fatturi ta' riskju relatati mal-istress u l-indeboliment mentali żdied[2].

14. Id-dinja tax-xogħol qed tinbidel b'ritmu mgħaġġel. Id-diġitalizzazzjoni, ir-robotizzazzjoni, u l-użu ta' teknoloġiji ġodda bħall-intelliġenza artifiċjali jistgħu jkunu ta' benefiċċju f'termini ta' aċċess għas-suq tax-xogħol, kundizzjonijiet tax-xogħol aħjar u żieda fil-produttività. Madankollu, dawn jippreżentaw sfidi f'termini ta' tfassil mill-ġdid tas-swieq tax-xogħol u tad-domanda għall-ħiliet, u ta' ħolqien ta' riskji ta' esklużjoni diġitali. Huwa importanti wkoll li wieħed ikun konxju tal-impatt negattiv potenzjali tagħhom fuq il-kundizzjonijiet tax-xogħol pereż. teknostress, u li jkun lest li jindirizza din il-kwistjoni b'mod xieraq.

---

2 Skont id-data tal-EU-OSHA, 27 % tal-forza tax-xogħol tal-Unjoni Ewropea tiddikjara li l-istress, id-dipressjoni u l-ansjetà huma problemi kkawżati jew aggravati mix-xogħol, u aktar minn 4 minn kull 10 ħaddiema madwar l-UE jiddikjaraw li l-istress relatat max-xogħol tagħhom żdied bħala riżultat tal-pandemija tal-COVID-19. F'dan il-kuntest, 27 % tal-forza tax-xogħol tal-UE mistħarrġa tiddikjara li sofriet minn stress, dipressjoni u/jew ansjetà bejn April 2021 u April 2022. Sors: https://osha.europa.eu/sites/default/files/Eurobarometer-OSH-in-post-pandemic-workplaces-summary_en.pdf

15. L-impjieg prekarju huwa impjieg li huwa "mħallas ħażin, mhux sigur, mhux protett, u li ma jistax jappoġġa unità domestika"[3]. Ix-xogħol prekarju huwa relatat mad-drittijiet tal-ħaddiema, il-kontenut tax-xogħol, l-organizzazzjoni tax-xogħol, il-kundizzjonijiet tax-xogħol, is-sikurezza u s-saħħa okkupazzjonali (inkluż il-fatturi psikosoċjali), u r-relazzjonijiet tax-xogħol.

16. L-evidenza xjentifika turi li kundizzjonijiet tax-xogħol prekarji jiġġeneraw reazzjonijiet negattivi għall-istress li jistgħu jwasslu għal indebolimenti bħall-ansjetà u d-dipressjoni.

17. Il-prevalenza tax-xogħol prekarju tvarja u għandha impatt differenti skont varjabbli ta' vulnerabbiltà personali jew soċjali. Barra minn hekk, il-fatturi determinanti tas-saħħa mentali jinteraġixxu mal-inugwaljanzi eżistenti fis-soċjetà, u jpoġġu lil xi persuni f'riskju ta' deterjorament tas-saħħa mentali ogħla minn oħrajn. Meta d-diskriminazzjoni fuq il-bażi tal-ġeneru, l-oriġini razzjali jew etnika, ir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabilità, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali, il-vjolenza u l-mibegħda jaġixxu bħala kawża għal saħħa mentali ħażina, b'hekk il-promozzjoni tal-ugwaljanza fis-soċjetajiet tagħna hija għodda importanti għall-prevenzjoni.

18. Skont id-data tal-EU-OSHA, perċentwal ogħla ta' nisa milli rġiel jirrapportaw li għandhom problemi ta' saħħa mentali kkawżati jew aggravati mix-xogħol[4]. Dan jista' jiġi spjegat minn fatturi bħall-preponderanza tan-nisa f'impjiegi prekarji, l-eżistenza ta' riskji li jaffettwaw lin-nisa aktar ta' spiss milli lill-irġiel bħall-fastidju u l-vjolenza sesswali, jew li l-piż u l-impatt tar-responsabbiltajiet ta' indukrar spiss ikun ogħla għan-nisa.

---

[3] https://osha.europa.eu/en/tools-and-resources/eu-osha-thesaurus/term/62001d

[4] Pereżempju, 30 % tan-nisa mistħarrġa jsostnu li sofrew minn stress, dipressjoni jew ansjetà relatati max-xogħol bejn April 2021 u April 2022, meta mqabbla ma' 25 % tal-irġiel. Barra minn hekk, il-pandemija żiedet ir-responsabbiltajiet tal-indukrar flimkien mal-impjiegi, biex b'hekk ix-xogħol irdoppja (Sors: https://osha.europa.eu/sites/default/files/Eurobarometer-OSH-in-post-pandemic-workplaces-summary_en.pdf). Dan kellu effett sproporzjonat fuq in-nisa, b'impatt negattiv fuq is-saħħa mentali tagħhom bħala persuni b'responsabbiltajiet ta' indukrar.

19. L-istudji u r-riżorsi eżistenti ma ffukawx biżżejjed fuq il-monitoraġġ tal-informazzjoni dwar il-kwalità tal-impjiegi u l-impatt tagħha fuq is-saħħa u l-kwalità tal-ħajja. Hija meħtieġa aktar statistika dwar il-prevalenza tal-problemi tas-saħħa mentali fuq il-post tax-xogħol u monitoraġġ regolari tal-kundizzjonijiet psikosoċjali tax-xogħol kif ukoll studji dwar il-fatturi organizzazzjonali u l-karatteristiċi tal-ambjenti tax-xogħol li jippromwovu l-benesseri.

20. L-applikazzjoni u l-infurzar effettivi tal-leġiżlazzjoni eżistenti tal-UE u dik nazzjonali huma essenzjali biex jiġu indirizzati r-riskji psikosoċjali fuq il-post tax-xogħol. Approċċ sistematiku għall-ġestjoni tar-riskju mill-impjegatur jikkontribwixxi għall-prevenzjoni tar-riskji psikosoċjali fuq il-post tax-xogħol li jista' jiffoka wkoll, b'mod partikolari, fuq ix-xogħol prekarju.

21. Għandhom isiru aktar sforzi biex jiġi żgurat aċċess għal kura tas-saħħa mentali affordabbli, permezz ta' għadd suffiċjenti ta' professjonisti li jaħdmu fis-settur tal-kura tas-saħħa mentali, u permezz tal-użu tat-telemediċina jew għodod u riżorsi oħra.

22. Dan is-sett ta' Konklużjonijiet jibni fuq il-ħidma preċedenti u l-impenji politiċi tal-Kunsill Ewropew, il-Kunsill, il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni u fuq il-ħidma ta' partijiet ikkonċernati rilevanti oħra, inkluż id-dokumenti elenkati fl-Anness.

**IL-KUNSILL JISTIEDEN LILL-ISTATI MEMBRI, B'KONT MEĦUD TAĊ-ĊIRKOSTANZI NAZZJONALI U B'RISPETT GĦAR-RWOL U L-AWTONOMIJA TAS-SĦAB SOĊJALI, BIEX:**

23. JANALIZZAW f'aktar dettall l-implikazzjonijiet legali u prattiċi ta' forom ġodda ta' xogħol u ta' organizzazzjoni tax-xogħol, b'mod partikolari f'dawk is-sitwazzjonijiet fejn l-impjegatur u r-responsabbiltajiet tiegħu ma jkunux ċari, bħal gruppi ta' intrapriżi u relazzjonijiet ta' impjieg b'diversi partijiet bħal xogħol temporanju permezz ta' aġenzija, xogħol "gig" jew sottokuntrattar.

24. JIPPROMWOVU politiki ta' impjieg ta' kwalità biex jiġġieldu l-prekarjetà f'kull tip ta' post tax-xogħol u jindirizzaw kwistjonijiet bħall-insigurtà tal-impjiegi, li huma relatati, fost l-oħrajn, ma' ċerti tipi ta' kuntratti ta' impjieg (bħal kuntratti b'terminu fiss jew kuntratti part-time kontra x-xewqa tal-ħaddiem), kif ukoll il-pagi mhux adegwati jew id-diffikultà fl-eżerċitar tad-drittijiet tax-xogħol u fatturi organizzazzjonali oħra fuq il-post tax-xogħol li jistgħu jikkontribwixxu għall-prekarjetà.

25. IRAWMU politiki li jagħmlu disponibbli għall-ħaddiema u għar-rappreżentanti tagħhom għodod bħal kampanji ta' taħriġ u edukazzjoni, appoġġ legali jew pjattaformi għad-djalogu, sabiex isaħħu r-rwol tagħhom u jiffavorixxu d-djalogu soċjali bħala riżorsa kontra l-prekarjetà.

25a. JIPPROMWOVU, f'konformità mal-prattika nazzjonali, ambjent abilitanti għal djalogu soċjali bipartitiku u tripartitiku, inkluż in-negozjar kollettiv, fl-indirizzar tas-saħħa mentali u x-xogħol prekarju, f'konformità mar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar it-tisħiħ tad-djalogu soċjali fl-Unjoni Ewropea.

26. JIŻGURAW l-applikazzjoni u l-infurzar effettivi tal-leġiżlazzjoni eżistenti tal-UE u dik nazzjonali, biex jiggarantixxu xogħol deċenti, jissalvagwardjaw is-sigurtà u s-saħħa fuq il-post tax-xogħol u jippromwovu t-trattament ugwali u n-nondiskriminazzjoni għall-ħaddiema kollha.

27. ISAĦĦU s-sistemi pubbliċi mmirati lejn is-salvagwardja tas-saħħa mentali fuq il-post tax-xogħol pereż. billi jipprovdulhom aktar riżorsi, inkluż riżorsi umani bi kwalifiki ogħla, b'mod partikolari permezz ta' taħriġ mill-ġdid u titjib tal-ħiliet. Jinkoraġġixxu, fejn xieraq, sinerġiji bejn is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol u s-saħħa pubblika.

28. JAPPOĠĠAW ir-riċerka dwar is-saħħa mentali fuq il-post tax-xogħol b'approċċ preventiv, jiġifieri b'enfasi fuq l-impatt, pożittiv jew negattiv, tal-kundizzjonijiet tax-xogħol fuq is-saħħa mentali u l-benessri tal-ħaddiema.

29. JIŻGURAW, f'konformità mal-prattika nazzjonali li l-ħaddiema jirċievu sorveljanza tas-saħħa, inkluż fir-rigward tas-saħħa mentali, xierqa għar-riskju għas-saħħa u s-sigurtà li jġarrbu fuq il-post tax-xogħol, u jippromwovu l-koordinazzjoni mas-servizzi tas-saħħa pubblika, filwaqt li jagħtu attenzjoni partikolari lis-setturi assoċjati ma' kundizzjonijiet tax-xogħol prekarji u lis-setturi li jipprovdu servizzi essenzjali, inkluż il-professjonisti tas-saħħa, l-għalliema u l-bdiewa[5].

30. IŻIDU L-ISFORZI li għandhom l-għan li jappoġġaw ir-reklutaġġ ta' ħaddiema b'mard mentali jew indeboliment mentali, u li jippromwovu programmi volontarji għal intervent bikri, adattament għax-xogħol, u appoġġ għall-ħaddiema meta jieħdu leave għal kwistjonijiet ta' saħħa mentali u meta jirritornaw għax-xogħol, b'mod li jippermetti l-inkorporazzjoni mill-ġdid, flessibbli u gradwali ta' dawn il-ħaddiema fil-forza tax-xogħol, skont il-kapaċità tagħhom li jaħdmu, u b'mod li jgħin fil-prevenzjoni u t-tqassir tal-leave minħabba mard mentali. F'dan il-kuntest, huwa importanti li tiġi indirizzata l-istigma tal-problemi tas-saħħa mentali.

31. JIŻGURAW li l-impjegaturi jinkludu b'mod xieraq u effettiv il-ġestjoni tar-riskji psikosoċjali fil-valutazzjonijiet tar-riskji għas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol u l-azzjonijiet li jirriżultaw.

32. JAPPOĠĠAW, skont il-prattiki nazzjonali, lill-persuni li jaħdmu għal rashom u lill-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju fl-indirizzar tal-isfidi relatati mal-ġestjoni tal-prevenzjoni tar-riskji psikosoċjali fuq il-post tax-xogħol.

---

[5] Analiżi tal-Istħarriġ Ewropew dwar il-Kundizzjonijiet tax-Xogħol (EWCS) li jkopri l-perjodu bejn l-1995 u l-2015 tissuġġerixxi li kien hemm żieda ġenerali fil-fatturi ta' stress fuq il-post tax-xogħol (pereż. livell baxx ta' kontroll u premjijiet fuq il-post tax-xogħol), b'żieda partikolarment qawwija għal persuni f'impjiegi b'livell baxx ta' ħiliet. Il-ħaddiema f'kundizzjonijiet prekarji ta' impjieg, li jinkludu impjiegi ta' kwalità baxxa, nuqqas ta' sigurtà fl-impjiegi, introjtu mhux adegwat u b'mod ġenerali nuqqas ta' protezzjoni xierqa f'termini ta' saħħa u sigurtà fuq il-post tax-xogħol ġeneralment jinsabu f'riskju sproporzjonat ta' riżultati ħżiena fil-qasam tas-saħħa. (Sors: RIGÓ, M, et al. Work stress on rise? Comparative analysis of trends in work stressors using the European working conditions survey (L-istress tax-xogħol qed jiżdied? Analiżi komparattiva tax-xejriet fil-fatturi ta' stress fuq il-post tax-xogħol permezz tal-istħarriġ Ewropew dwar il-kundizzjonijiet tax-xogħol)

33. JIPPROMWOVU inizjattivi u kampanji ta' taħriġ u sensibilizzazzjoni dwar is-saħħa mentali fuq il-post tax-xogħol u dwar l-impatt ta' kundizzjonijiet tax-xogħol prekarji fuq is-saħħa mentali. Jippromwovu l-inklużjoni ta' kontenut relatat mas-saħħa mentali u r-riskji psikosoċjali fuq il-post tax-xogħol fi programmi ta' taħriġ għall-professjonisti fil-qasam tar-riżorsi umani, il-maniġers u l-persunal.

33a. JIPPROMWOVU politiki li jappoġġaw is-saħħa mentali tal-ħaddiema żgħażagħ fl-integrazzjoni tagħhom fis-suq tax-xogħol, f'konformità mal-prattiki nazzjonali.

34. ISAĦĦU s-sorveljanza tal-ġestjoni tar-riskji psikosoċjali fuq il-post tax-xogħol u l-gwida dwarha permezz tal-azzjoni tal-ispettorati tax-xogħol jew ta' korpi kompetenti oħra fl-Istati Membri, skont il-prattiki nazzjonali tagħhom. F'dan il-kuntest, jippromwovu taħriġ xieraq għall-ispetturi tax-xogħol.

35. JIPPROMWOVU l-infurzar effettiv tad-drittijiet tal-ħaddiema, b'mod partikolari r-regolamenti nazzjonali fis-seħħ fil-qasam tal-ħin tax-xogħol, u jinkoraġġixxu politiki biex jirrikonċiljaw il-ħajja professjonali, personali u tal-familja, sabiex titrawwem protezzjoni aħjar tas-saħħa mentali.

**IL-KUNSILL JISTIEDEN LILL-KUMMISSJONI EWROPEA BIEX:**

36. TIŻGURA li l-aspetti tal-ħin tax-xogħol li jista' jkollhom impatt fuq is-saħħa mentali jitqiesu fil-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tad-Direttiva 2003/88/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Novembru 2003.

37. TIRRIFLETTI fuq politika adegwata għall-indirizzar tar-riskji psikosoċjali fuq il-post tax-xogħol abbażi tal-obbligi legali stabbiliti fid-Direttiva Qafas 89/391/KEE, adattata għar-realtajiet il-ġodda li qed jaffettwaw id-dinja tax-xogħol u tagħti attenzjoni partikolari lill-impatt tagħhom fuq is-saħħa mentali tal-ħaddiema u tikseb progress fl-azzjonijiet inklużi fil-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar approċċ komprensiv lejn is-saħħa mentali.

38. TQIS id-diversità tal-popolazzjoni Ewropea meta tfassal inizjattivi tal-politika tax-xogħol, sabiex tippromwovi l-protezzjoni xierqa ta' dawk il-persuni f'sitwazzjoni vulnerabbli li s-saħħa mentali tagħhom hija potenzjalment f'riskju.

39. TQIS id-dritt għall-iskonnessjoni bħala miżura li tikkontribwixxi għall-prevenzjoni tar-riskji psikosoċjali fuq il-post tax-xogħol, filwaqt li tieħu kont tan-negozjati li għaddejjin mis-sħab soċjali transindustrijali tal-UE dwar it-telexogħol u d-dritt għall-iskonnessjoni.

40. TRAWWEM il-koordinazzjoni tal-isforzi tal-Istati Membri fl-implimentazzjoni tal-**inizjattivi** nazzjonali dwar il-ġestjoni tar-riskji psikosoċjali fuq il-post tax-xogħol, l-iżvilupp ta' għodod u gwida, u ttejjeb l-iskambju ta' prattiki tajba bl-appoġġ tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol u n-network ta' esperti tagħha.

41. TIDENTIFIKA, TANALIZZA U TIVVALUTA l-aktar forom prevalenti ta' impjieg prekarju permezz tal-monitoraġġ sistematiku tal-impjiegi prekarji, u tivvaluta l-effettività u l-ġustizzja tal-politiki u l-interventi implimentati abbażi ta' statistika u data mill-Eurostat, l-EU-OSHA u l-Eurofound.

42. ITTEJJEB l-informazzjoni dwar il-prevalenza tal-problemi tas-saħħa mentali fuq il-post tax-xogħol, billi tiġbor informazzjoni aġġornata dwar il-kundizzjonijiet tax-xogħol li għandhom impatt negattiv fuq is-saħħa mentali, u l-effetti speċifiċi tagħhom, imqassma skont is-sess u fatturi pertinenti oħra, sabiex tippermetti l-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-politiki li jtejbu s-saħħa mentali.

**IL-KUNSILL JISTIEDEN LIS-SĦAB SOĊJALI, FIL-LIVELLI TAL-UE U TAL-ISTATI MEMBRI, F'KONFORMITÀ MAL-PRATTIKI NAZZJONALI U B'RISPETT SĦIĦ GĦALL-MANDATI U L-AWTONOMIJA TAGĦHOM, BIEX:**

43. IKOMPLU JIEĦDU SEHEM fid-djalogu soċjali, fil-livelli kollha, biex jindirizzaw it-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol li jħallu impatt negattiv fuq is-saħħa mentali, b'mod partikolari dawk li huma karatteristiċi ta' impjiegi prekarji.

44. IKOMPLU JISSENSIBILIZZAW lill-impjegaturi dwar kwistjonijiet bħall-importanza tal-ġestjoni tar-riskji psikosoċjali fuq il-post tax-xogħol sabiex jiġi evitat l-impatt negattiv potenzjali fuq is-saħħa mentali, l-importanza li jiġu rikonoxxuti s-sinjali bikrija ta' tbatija psikoloġika sabiex l-impjegaturi jkunu jistgħu jieħdu l-miżuri preventivi xierqa skont il-każ, u l-benefiċċji tal-promozzjoni tas-saħħa u l-benessri mentali fuq il-post tax-xogħol.

45. IFAKKRU lill-impjegaturi biex jinkorporaw b'mod effettiv il-fatturi ta' riskju psikosoċjali fuq il-post tax-xogħol fil-valutazzjoni tar-riskju tagħhom u biex jinkludu s-saħħa mentali fis-sorveljanza tas-saħħa tal-ħaddiema sabiex jidentifikaw u jtejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol li jkunu potenzjalment ta' ħsara għas-saħħa.

46. IKOMPLU JIPPROMWOVU interventi fil-postijiet tax-xogħol biex jippromwovu l-benessri psikosoċjali u s-saħħa mentali tajba fuq il-post tax-xogħol, b'mod partikolari bidliet organizzattivi li jaffettwaw il-kondizzjonijiet tax-xogħol, bħal interventi dwar l-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol, aktar milli interventi ffukati fuq individwi speċifiċi. Dawn l-interventi għandhom jiffukaw fuq il-ħolqien ta' ambjenti u prattiki ta' appoġġ li jipproteġu s-saħħa mentali tal-ħaddiema.

47. IKOMPLU JRAWMU approċċi proattivi għad-diġitalizzazzjoni u l-użu tal-ICT li għandhom impatt pożittiv fuq il-kundizzjonijiet tax-xogħol u jimminimizzaw l-impatt negattiv tagħhom, permezz ta' ġestjoni preventiva tar-riskji psikosoċjali fuq il-post tax-xogħol. Dan jista' jinkludi miżuri ta' implimentazzjoni li jippromwovu l-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, inaqqsu l-pressjoni tax-xogħol, jimminimizzaw l-iżolament soċjali u jipprovdu l-appoġġ meħtieġ lill-ħaddiema biex jinnavigaw l-isfidi ppreżentati mit-teknoloġija u mix-xogħol mill-bogħod.

48. ISSAĦĦU r-rwol tad-djalogu soċjali u n-negozjar kollettiv fit-titjib tal-identifikazzjoni, il-prevenzjoni u l-ġestjoni tar-riskji psikosoċjali fuq il-post tax-xogħol u fil-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni, il-vjolenza psikoloġika, il-fastidju u l-fastidju sesswali.

49. JAPPOĠĠAW l-inklużjoni tal-perspettiva tal-ġeneru fir-rigward tal-kundizzjonijiet tax-xogħol fis-setturi kollha u f'kull tip ta' post tax-xogħol, filwaqt li jivvalutaw l-impatti mhux ugwali fuq is-saħħa mentali fl-irġiel u n-nisa.

## REFERENZI

### Dritt primarju tal-UE

1. UNJONI EWROPEA. Verżjoni Konsolidata tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, 2012. https://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=CELEX:12012E/TXT:mt:PDF

2. UNJONI EWROPEA. Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej, 2000. https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=celex%3A12012P%2FTXT

### Direttivi tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

1. PARLAMENT EWROPEW U KUNSILL:Direttiva 2003/88/KE li tikkonċerna ċerti aspetti tal-arranġament tal-ħin tax-xogħol. Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, 2003. EUR-Lex - 32003L0088 - MT - EUR-Lex (europa.eu)

2. PARLAMENT EWROPEW U KUNSILL: Direttiva 2006/54/KE dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' opportunitajiet indaqs u ta' trattament ugwali tal-irġiel u n-nisa fi kwistjonijiet ta' impjiegi u xogħol (tfassil mill-ġdid). Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, 2006. https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/ALL/?uri=celex%3A32006L0054

3. PARLAMENT EWROPEW U KUNSILL: Direttiva 2019/1158 dwar il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata għall-ġenituri u għall-persuni li jindukraw. Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, 2019. https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=celex%3A32019L1158

4. PARLAMENT EWROPEW U KUNSILL: Direttiva 2019/1152 dwar kondizzjonijiet tax-xogħol trasparenti u prevedibbli fl-Unjoni Ewropea. Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, 2019. https://eur-lex.europa.eu/legal-content/mt/ALL/?uri=CELEX:32019L1152

5. PARLAMENT EWROPEW U KUNSILL: Direttiva 2022/2041 dwar pagi minimi adegwati fl-Unjoni Ewropea. Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, 2022. https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=celex%3A32019L1158

6. PARLAMENT EWROPEW U KUNSILL: Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-ġlieda kontra l-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika. 2022. eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:52022PC0105

**Kunsill tal-Unjoni Ewropea**

1. KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA: Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-telexogħol, 2021. pdf (europa.eu)

2. KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA: Direttiva 89/391/KEE Introduzzjoni ta' miżuri sabiex jinkoraġġixxu titjib fis-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema fuq ix-xogħol. Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej, 1989. https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/ALL/?uri=celex%3A31989L0391

3. KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA: Direttiva 2000/78/KE Qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjieg u fix-xogħol. Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej, 2000. https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=celex%3A32000L0078

4. KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA:Direttiva 2000/43/KE Il-prinċipju tat-trattament ugwali bejn il-persuni irrispettivament mill-oriġini tar-razza jew etniċità. Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej, 2000. EUR-Lex - 32000L0043 - MT - EUR-Lex (europa.eu)

5. KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA: Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Futur tax-Xogħol: l-Unjoni Ewropea tippromwovi d-Dikjarazzjoni Ċentinarja tal-ILO, 2019. pdf (europa.eu)

6. KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA: Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar it-tisħiħ tad-djalogu soċjali fl-UE tat-12 ta' Ġunju 2023. https://data.consilium.europa.eu/doc/document/ST-10542-2023-INIT/mt/pdf

**Kummissjoni**

1. KUMMISSJONI EWROPEA: Konferenza Tematika "Il-Promozzjoni tas-Saħħa u l-Benessri Mentali fuq il-Postijiet tax-Xogħol", 2011.

2. KUMMISSJONI EWROPEA: Qafas Strateġiku dwar is-Saħħa u s-Sikurezza fuq il-Post tax-Xogħol 2021-2027. Is-sikurezza u s-saħħa okkupazzjonali għal dinja tax-xogħol li qed tinbidel. https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:52021DC0323&from=MT

3. KUMMISSJONI EWROPEA: Konklużjonijiet tas-summit ta' analiżi tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol (OSH). 2023. https://ec.europa.eu/social/BlobServlet?docId=26872&langId=en

4. KUMMISSJONI EWROPEA: Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar approċċ komprensiv lejn is-saħħa mentali. 2023. https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A52023DC0298&qid=1695022001703

5. OECD/EU (2018), Health at a Glance: Europe 2018: State of Health in the EU Cycle, (Ħarsa ġenerali lejn is-Saħħa: Ewropa 2018: L-Istat tas-Saħħa fiċ-Ċiklu tal-UE), Pubblikazzjoni tal-OECD, Pariġi. https://doi.org/10.1787/health_glance_eur-2018-en

**Parlament Ewropew**

1. PARLAMENT EWROPEW: Kundizzjonijiet tax-xogħol u impjieg prekarju. 2017. Testi adottati - Kundizzjonijiet tax-xogħol u impjieg prekarju - It-Tlieta, 4 ta' Lulju 2017 (europa.eu)

2. PARLAMENT EWROPEW: Is-Saħħa mentali fid-dinja tax-xogħol diġitali. 2022. Testi adottati - Is-Saħħa Mentali fid-Dinja tax-Xogħol Diġitali - it-Tlieta, 5 ta' Lulju 2022 (europa.eu)

**Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE)**

1. KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW (KESE): Xogħol prekarju u saħħa mentali (Opinjoni esploratorja mitluba mill-Presidenza Spanjola). 2023. https://www.eesc.europa.eu/mt/our-work/opinions-information-reports/opinions/precarious-work-and-mental-health

2. KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW (KESE): Id-djalogu soċjali bħala għodda għall-promozzjoni tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol (opinjoni esploratorja fuq talba tal-Presidenza Franċiża). 2021. https://www.eesc.europa.eu/mt/our-work/opinions-information-reports/opinions/social-dialogue-tool-promote-health-and-safety-work

**Oħrajn**

1. ORGANIZZAZZJONI INTERNAZZJONALI TAX-XOGĦOL (ILO): From Precarious Work to Decent Work: outcome document to the Workers' Symposium on Policies and Regulations to combat Precarious Employment. (Minn Xogħol Prekarju għal Xogħol Deċenti: dokument ta' eżitu għas-Simpożju tal-Ħaddiema dwar Politiki u Regolamenti għall-ġlieda kontra l-Impjiegi Prekarji.). ILO, 2012.

2. ORGANIZZAZZJONI INTERNAZZJONALI TAX-XOGĦOL (ILO): Konvenzjoni dwar is-Sikurezza u s-Saħħa Okkupazzjonali, 1981 (C155) https://www.ilo.org/dyn/normlex/en/f?p=NORMLEXPUB:12100:0::NO::P12100_ILO_CODE:C155

3. ORGANIZZAZZJONI INTERNAZZJONALI TAX-XOGĦOL (ILO): Qafas Promozzjonali għall-Konvenzjoni dwar is-Sikurezza u s-Saħħa Okkupazzjonali, 2006 (C187)

   https://www.ilo.org/dyn/normlex/en/f?p=NORMLEXPUB:12100:0::NO::P12100_ILO_CODE:C187

4. ORGANIZZAZZJONI INTERNAZZJONALI TAX-XOGĦOL (ILO): Konvenzjoni dwar il-Ħaddiema Domestiċi (C189). https://www.ilo.org/dyn/normlex/en/f?p=NORMLEXPUB:12100:0::NO::P12100_ILO_CODE:C189

5. ORGANIZZAZZJONI INTERNAZZJONALI TAX-XOGĦOL (ILO): Konvenzjoni dwar il-Vjolenza u l-Fastidju (C190). https://www.ilo.org/dyn/normlex/en/f?p=NORMLEXPUB:12100:0::NO::P12100_ILO_CODE:C190

6. ORGANIZZAZZJONI INTERNAZZJONALI TAX-XOGĦOL (ILO): Dikjarazzjoni taċ-Ċentenarju tal-ILO għall-Futur tax-Xogħol. ILO, 2019.

7. ORGANIZZAZZJONI DINJIJA TAS-SAĦĦA (WHO): Guidelines on mental health at work: executive summary (Linji gwida għas-saħħa mentali fuq il-post tax-xogħol: taqsira eżekuttiva). Ġinevra: WHO, 2022. https://www.who.int/publications/i/item/9789240053052

8. ORGANIZZAZZJONI DINJIJA TAS-SAĦĦA (WHO) U ORGANIZZAZZJONI INTERNAZZJONALI TAX-XOGĦOL (ILO): Mental health at work: Policy brief (Is-saħħa mentali fuq il-post tax-xogħol: Dokument ta' sintesi). WHO-ILO, 2022. https://www.ilo.org/wcmsp5/groups/public/---ed_protect/---protrav/---safework/documents/publication/wcms_856976.pdf

9. NAZZJONIJIET UNITI: Transforming our world: the 2030 Agenda for Sustainable Development (Nittrasformaw id-dinja tagħna: l-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli). 2015. https://unctad.org/system/files/official-document/ares70d1_en.pdf

10. ORGANIZZAZZJONI DINJIJA TAS-SAĦĦA: Il-Kostituzzjoni tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa. Ġinevra. 2006

11. ORGANIZZAZZJONI GĦALL-KOOPERAZZJONI U L-IŻVILUPP EKONOMIĊI (OECD) (2021: A New Benchmark for Mental Health Systems: Tackling the Social and Economic Costs of Mental Ill-Health (Parametru Referenzjarju Ġdid għas-Sistemi tas-Saħħa Mentali: L-Indirizzar tal-Ispejjeż Soċjali u Ekonomiċi tal-Mard Mentali), Studji tal-Politika tas-Saħħa tal-OECD, Pubblikazzjoni tal-OECD, Pariġi, https://doi.org/10.1787/4ed890f6-en

12. ORGANIZZAZZJONI GĦALL-KOOPERAZZJONI U L-IŻVILUPP EKONOMIĊI (OECD): Recommendation of the Council on Integrated Mental Health, Skills and Work Policy (Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar Politika Integrata fir-rigward tas-Saħħa Mentali, il-Ħiliet u x-Xogħol). OECD, 2018. Flyer_MHW Council Recommendation.pdf (oecd.org) https://www.oecd.org/els/emp/Flyer_MHW%20Council%20Recommendation.pdf

13. ORGANIZZAZZJONI GĦALL-KOOPERAZZJONI U L-IŻVILUPP EKONOMIĊI (OECD) (2023): Measuring Population Mental Health (Inkejlu s-Saħħa Mentali tal-Popolazzjoni), Pubblikazzjoni tal-OECD, Pariġi, https://doi.org/10.1787/5171eef8-en

14. LEKA, S., COX, T. (EDS.). PRIMA-EF: Guidance on the European Framework for Psychosocial Risk Management. A resource for employers and worker representatives. Protecting Workers' Health (Gwida dwar il-Qafas Ewropew għall-Ġestjoni tar-Riskju Psikosoċjali. Riżorsa għal min iħaddem u għar-rappreżentanti tal-ħaddiema. Il-protezzjoni tas-Saħħa tal-Ħaddiema). WHO, 2008. http://www.prima-ef.org/uploads/1/1/0/2/11022736/prima-ef_brochure_english.pdf

15. EUROPEAN NETWORK FOR WORKPLACE HEALTH PROMOTION: The Edinburgh Declaration on the Promotion of Workplace Mental Health and Wellbeing (NETWORK EWROPEW GĦALL-PROMOZZJONI TAS-SAĦĦA FUQ IL-POST TAX-XOGĦOL: Id-dikjarazzjoni ta' Edinburgu dwar il-Promozzjoni tas-Saħħa Mentali u l-Benessri fuq il-Post tax-Xogħol). 2010

16. SOBOCKI, PATRIK, et al. Cost of depression in Europe (L-ispiża tad-dipressjoni fl-Ewropa). *Journal of Mental Health Policy and Economics*. 2006, 9 (2), pp. 87-98.

17. JAIN, ADITYA, et al. The impact of national legislation on psychosocial risks on organisational action plans, psychosocial working conditions, and employee work-related stress in Europe (L-impatt tal-leġiżlazzjoni nazzjonali dwar ir-riskji psikosoċjali fuq il-pjani ta' azzjoni organizzattivi, il-kundizzjonijiet tax-xogħol psikosoċjali, u l-istress relatat max-xogħol tal-impjegati fl-Ewropa). Social Science & Medicine, Volum 302, 2022, 114987

18. BENACH, JOAN, et al. Precarious employment: understanding an emerging social determinant of health (Impjieg prekarju: nifhmu l-fattur soċjali determinanti emerġenti tas-saħħa). *Annual review of public health (Analiżi annwali tas-saħħa pubblika)*. 2014, 35, pp. 229-253.

19. Eurofound: (2023). European Working Conditions Telephone Survey (Stħarriġ Telefoniku Ewropew dwar il-Kundizzjonijiet tax-Xogħol), 2021. [ġbir ta' data]. It-tieni edizzjoni. Is-servizz tad-Data tar-Renju Unit. SN: 9026, DOI: http://doi.org/10.5255/UKDA-SN-9026-2

20. AĠENZIJA EWROPEA GĦAS-SIGURTÀ U S-SAĦĦA FUQ IL-POST TAX-XOGĦOL: OSH Pulse - Is-Sikurezza u s-Saħħa Okkupazzjonali fil-Postijiet tax-Xogħol Wara l-Pandemija. Flash Ewrobarometru. 2022. https://osha.europa.eu/mt/publications/summary-osh-pulse-occupational-safety-and-health-post-pandemic-workplaces

21. INSTITUTO NACIONAL DE SEGURIDAD Y SALUD EN EL TRABAJO: Desafíos de la digitalización para la seguridad y salud en el trabajo. La emergencia de riesgos psicosociales y el trabajo de plataformas digitales (L-Isfidi tad-diġitalizzazzjoni għas-sigurtà u s-saħħa fuq il-post tax-xogħol. L-emerġenza ta' riskji psikosoċjali u x-xogħol tal-pjattafromi diġitali). 2023, Spanja. https://www.insst.es/documentacion/catalogo-de-publicaciones/desafios-de-la-digitalizacion-para-la-seguridad-y-salud-en-el-trabajo-la-emergencia-de-riesgos-psicosociales-y-el-trabajo-de-plataformas-digitales-ano-2023

22. GVERN TA' SPANJA: Precariedad laboral y salud mental. Conocimientos y políticas (Prekarjetà tax-xogħol u saħħa mentali. Għarfien u politika). 2023. https://www.lamoncloa.gob.es/serviciosdeprensa/notasprensa/trabajo14/Documents/2023/170323-informe-salud-mental.pdf

23. BLOMQVIST, SANDRA, et al. Perceived job insecurity and risk of suicide and suicide attempts: a study of men and women in the Swedish working population (Perċezzjoni ta' nuqqas ta' sigurtà tal-impjiegi u riskju ta' suwiċidju u tentattivi ta' suwiċidju: studju dwar l-irġiel u n-nisa fost il-popolazzjoni impjegata Żvediża). *Scandinavian Journal of Work, Environment & Health*. 2022, 48 (4), pp. 293-301.

24. EUROFOUND (2020): New forms of employment: 2020 update, New forms of employment series (Forom ġodda ta' impjieg: aġġornament tal-2020, Sensiela Forom ġodda ta' impjieg), Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijet tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu.

25. EUROFOUND (2023): Changing labour markets – How to prevent a mismatch between skills and jobs in times of transition (Swieq tax-xogħol li qed jinbidlu – Kif nipprevjenu spariġġ bejn il-ħiliet u l-impjiegi fi żminijiet ta' tranżizzjoni) – Dokument ta' sfond, Eurofound, Dublin.

26. RIGÓ, M, et al. Work stress on rise? Comparative analysis of trends in work stressors using the European working conditions survey (L-istress tax-xogħol qed jiżdied? Analiżi komparattiva tax-xejriet fil-fatturi ta' stress tax-xogħol permezz tal-istħarriġ Ewropew dwar il-

kundizzjonijiet tax-xogħol). *International Archives of Occupational and Environmental Health* (2021) 94:459–474. https://doi.org/10.1007/s00420-020-01593-8